# QORTI TAL-APPELL

**IMHALLFIN**

**S.T.O. PRIM IMHALLEF SILVIO CAMILLERI**
**ONOR. IMHALLEF TONIO MALLIA**
**ONOR. IMHALLEF JOSEPH AZZOPARDI**

**Seduta ta' nhar il-Hamis 9 ta' Frar 2017**

**Numru 25**
**Rikors numru 525/15 SM**

**Dr Adrian Mallia u Dr Jesmond Manicaro a nom u in rapprezentanza tal-Curatela Fallimentare della società di fatto composta dai Sigg.ri Michele Iuliano, Maria Luigia Lembo, Giovanna Iuliano, Giuseppe Lembo, Leonardo Lembo, Lucia Boccia, Angelo Della Gatta, Pasquale Della Gatta e Micaele Della Gatta (C.F. 07515671217), nonche' di questi ultimi quali soci illimitatamente responsabili**

**v.**

**(i) Fiducia Trustees Limited (C45695) fil-kwalità taghha ta' Trustee tal-"Marco Polo Trust" u**
**(ii) Bank of Valletta plc (C2833) fil-kwalità taghha ta' Trustee tal-"Giano Trust"; u**
**(iii) Bank of Valletta plc (C2833) fil-kwalità taghha ta' Trustee tal-"Capital Trust"; u**
**(iv) Bank of Valletta plc (C2833) fil-kwalità taghha ta' Trustee tal-"Gilda Trust"; u**
**(v) BSI Trust Corporation (Malta) Limited (C43007) fil-kwalità taghha ta' Trustee tal-"Bigei Trust"; u**
**(vi) BSI Trust Corporation (Malta) Limited (C43007) fil-kwalità taghha ta' Trustee tal-"Fusons Trust".**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors ta' Dr Adrian Mallia nomine pprezentat fl-1 ta' Gunju, 2015, li jaqra hekk:

> "Illi permezz ta' sentenza moghtija fil-25/26 ta' Settembbru 2013 bin-numru RG 2251/2013 (annessa hawn bhala Dok AM1), u konfermata permezz ta' sentenza fit-3 ta' Dicembru 2014 bin-numru RG 1352/2014 (annessa hawn bhala Dok AM 2) il-Qorti Taljana 'Tribunale Civile di Torre Annunziate' ordnat *"il sequestro giudiziario di tutti i beni immobili, mobili, e partecipazioni"* tal-beni mizmuma minn diversi persuni, fosthom l-intimati;
>
> "Illi r-rikorrenti jixtieq jottjeni rikonixximent u dikjarazzjoni ta' enforzabilita` ta' dawn is-sentenzi, u dan kif provdut fir-Regolament ta' l-Unjoni Ewropea numru 44/2001 kif amendat minn Regolament ta' l-Unjoni Ewropea numru 1496/2002;
>
> "Illi r-rikorrent ottjena ukoll certifikat mit-Tribunal Taljani kif mehtieg ai termini tal-Artikoli 54 u 58 tar-Regolamenti hawn fuq imsemmija; (hawn anness bhala Dok AM 3);
>
> "Ghaldaqstant ir-rikorrent jitlob lil din l-Onorrabli Qorti sabiex tirrikonoxxi is-sentenzi tat-Tribunale Civile di Torre Annunziate datati 25/26 Settembru 2013 (bin-numru RG 2251/2013) u 3 ta' Dicembru 2014 (RG 1352/2014) u tiddikjara li huma nfurzabbli fil-Qrati ta' Malta u Ghawdex, kontra l-intimati, u dan skond ir-Regolament ta' l-Unjoni Ewropea numru 44/2001 kif amendat minn Regolament ta' l-Unjoni Ewropea numru 1496/2002.
>
> "Bl-ispejjes".

Rat is-sentenza li nghatat mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fid-9 ta' Lulju, 2015, li in forza taghha l-kawza giet deciza kif gej:

> "6.0 Tqis li r-rikorrenti *nomine* ipprovaw il-kaz taghhom skont il-ligi, u allura:
>
> "6.1 Takkolji t-talbiet tar-rikorrenti *nomine;*
>
> "6.2 Bl-ispejjez kontra l-intimati".

Dik il-Qorti tat is-sentenza taghha wara li ghamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:

> "4. Illi minn ezami tad-dokumenti esebiti jirrizulta li r-Regolamenti ta' l-Unjoni Ewropea fir-rigward gew debitament rispettati;
>
> "5. Illi sodisfatt dan, l-istess sentenzi fuq indikati allura huma ezegwibbli lokalment…".

Rat ir-rikors tal-appell tad-29 ta' Lulju, 2015, ta' Bank of Valletta plc, fil-kwalità tieghu ta' *trustee* tal- "Giano Trust", "Capital Trust" u "Gilda Trust", aktar 'il quddiem imsejjah BOV, ai termini tar-Regolament tal-Kunsill (KE) numru 44/2001 dwar gurisdizzjoni u rikonoxximent u ezekuzzjoni ta' sentenzi f'materji civili u kummercjali, li permezz tieghu u ghar-ragunijiet hemm premessi, talab illi din il-Qorti joghgobha tirrevoka, thassar u tannulla s-sentenza tad-9 ta' Lulju, 2015, fl-ismijiet premessi, bl-ispejjez kontra l-atturi appellati.

Rat ir-rikors tal-appell tas-7 ta' Awissu, 2015, ta' Fiducia Trustees Limited, fil-kwalità taghha ta' *trustee* tal-"Marco Polo Trust", minn hawn 'il quddiem imsejha FTL, ai termini tal-Artikolu 43 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) numru 44/2001 dwar gurisdizzjoni u rikonoxximent u ezekuzzjoni ta' sentenzi f'materji civili u kummercjali, li permezz tieghu u ghar-ragunijiet hemm premessi, talbet illi din il-Qorti joghgobha tirrevoka, thassar u tannulla s-sentenza tad-9 ta' Lulju, 2015, fl-ismijiet premessi, bl-ispejjez kontra l-atturi appellati.

Rat ir-risposta ta' Dr Adrian Mallia u Dr Jesmond Manicaro *nomine*, ghaz-zewg appelli interposti, li in forza taghha ghar-ragunijiet minnhom premessi talbu li din il-Qorti tichad iz-zewg appelli interposti mill-appellanti BOV u FTL u tikkonferma d-decizjoni moghtija mill-ewwel Qorti, permezz ta' liema gew rikonoxxuti d-decizjonijiet tat-*Tribunale di Torre Annunziata* moghtija nhar il-25 ta' Settembru, 2013 u nhar is-26 ta' Novembru, 2014, bl-ispejjez kontra l-appellanti.

Rat ir-rikors tal-appell tat-3 ta' Settembru, 2015, tas-socjetà BSI Trust Corporation (Malta) Limited, fil-kwalità taghha ta' *trustee* ta' "Bigei Trust" u ta' "Fusons Trust", minn hawn 'il quddiem imsejha BSI, ai termini tar-Regolament tal-Kunsill (KE) numru 44/2001 dwar gurisdizzjoni u rikonoxximent u ezekuzzjoni ta' sentenzi f'materji civili u kummercjali, li permezz tieghu u ghar-ragunijiet hemm premessi, talbet illi din il-Qorti joghgobha tirrevoka, u tannulla s-sentenza tad-9 ta' Lulju, 2015, fl-ismijiet premessi, bl-ispejjez kontra l-atturi appellati.

Rat ir-risposta ta' Dr Adrian Mallia u Dr Jesmond Manicaro *nomine* ghal dan l-ahhar appell interpost, li in forza taghha ghar-ragunijiet minnhom premessi talbu li din il-Qorti tichad l-appell interpost mill-appellanti BSI u tikkonferma d-decizjoni moghtija mill-ewwel Qorti, permezz ta' liema gew rikonoxuti d-decizjonijiet tat-*Tribunale di Torre Annunziata* moghtija

nhar il-25 ta' Settembru, 2013 u nhar is-26 ta' Novembru, 2014, bl-ispejjez kontra l-appellanti.

Rat il-verbal tas-seduti tat-3 ta' Mejju, 2016, u tas-17 ta' Novembru, 2016, li permezz taghhom, wara li l-avukati difensuri tal-partijiet ittrattaw l-appell rispettiv taghhom, il-kawza thalliet ghas-sentenza ghal-lum.

Rat in-nota tal-Bank of Valletta plc tal-21 ta' Dicembru, 2016, li biha saret referenza ghal decizjoni li nghatat fl-14 ta' Dicembru, 2016, mit-*Tribunale di Torre Annunziata*, l-Italia.

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti esebiti.

Ikkonsidrat:

Illi minn ezami tal-fatti kif rizultanti mill-atti tal-process jirrizulta li permezz tar-rikors promotur ir-rikorrenti ghan-nom u in rapprezentanza tal-*Curatela Fallimentare della società di fatto composta dai Sigg.ri Michele Iuliano, Maria Luigia Lembo, Giovanna Iuliano, Giuseppe Lembo, Leonardo Lembo, Lucia Boccia, Angelo Della Gatta, Pasquale della Gatta, e Micaela Della Gatta (C.F. 07515671217), nonchè di questi ultimi quali soci illimitatamente resonsabili*, qeghdin jitolbu r-rikonoxximent u dikjarazzjoni ta' enforzabilità tas-sentenzi pronunzjati

mit-*Tribunale di Torre Annunziata* skont ir-regolamenti vigenti ta' l-Unjoni Ewropea. Dan referibilment ghas-sentenza tal-25 ta' Settembru, 2013, li ggib referenza 2251/2013RG, hekk kif varjata bis-sentenza tat-3 ta' Dicembru, 2014, bir-referenza RG 1352/2014, fejn kien ikkonfermat "*il sequestro giudiziario di tutti i beni immobili, mobili e partecipazioni*" tal-beni mizmuma minn diversi persuni, fosthom l-intimati. Ir-rikorrenti esebew kemm kopji tas-sentenzi li fuqhom qeghdin iressqu l-pretensjonijiet taghhom, kif ukoll ic-certifikat mahrug mit-Tribunal Taljan kif mehtieg ai termini tal-artikoli 53 u 54 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Numru 44/2001.

Wara li nghatat l-ahhar sentenza tat-3 ta' Dicembru, 2014, mit-*Tribunale di Torre Annunziata,* li fiha jirrizulta li kienu debitament rapprezentati kemm BSI kif ukoll, FTL, il-proceduri odjerni permezz tar-rikors promotur inbdew fl-1 ta' Gunju, 2015. Huwa mifhum illi permezz tal-proceduri odjerni, peress li s-socjetajiet intimati huma kumpaniji registrati Malta, ir-rikorrenti qeghdin jibbazaw l-azzjoni taghhom fuq l-Artikolu 38(1) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Numru 44/2001 sabiex decizjoni moghtija fl-Italja, bhala Stat Membru fl-Unjoni Ewropea u ezegwibbli f'dak l-istess Stat, tigi ezegwita fi Stat Membru iehor, f'dan il-kaz Malta, meta permezz ta' applikazzjoni ta' parti interessata, din tkun giet dikjarata ezegwibbli hemmhekk.

L-imsemmija decizjoni giet dikjarata bhala definitiva u enforzabbli mit-*Tribunale di Torre Annunziata,* u sahansitra inhareg ic-certifikat fil-forma ta' Annex V, ai termini tal-Artikoli 53 u 54 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Numru 44/2001. Skont il-versjoni Ingliza tal-imsemmi certifikat, jigu riprodotti l-partijiet dispozittivi tas-sentenzi in kwistjoni, meta jinghad:

> "*FOR THE REASONS IN THE ORDER MADE BY JUDGE DI LORENZO IN CASE NO. 2251/2013*
>
> "*'ordered the seizure of all the immovable and movable assets and investments as indicated in. 1 of the claims on page 82 of the petition, against the persons listed in pages 82-84 of the petition, and appoints as custodian Fabio Taglialatela Scafati, with offices at Via Gramsci no. 17 B, Naples;*
> *Orders the preventive seizure of all the movable and immovable assets, receivables, shares and investments up to the sum of €100,000,000.00 (the amount claimed by the appellant) against the persons listed in pages 82-84 of the petition;*
> *Orders the pro tempore Registrar at the Government Agency of Company Registers, and any other equivalent foreign authority to endorse, register or publish this order;*
> *During the hearing already set for 22.10.2013 this order may be upheld, revoked or amended during the debate between the parties.*
> *T.A. 25.9.2013 8.30 am…*
>
> "*FOR THE REASONS IN THE ORDER MADE BY THE BENCH WITH JUDGE DEL SORBO presiding, GENERAL REGISTER. 954/2013:*
>
> "*confirms that the personal/professional account of the lawyer Antonella Saturnino (no. 15444-33 held with Banca Monte dei Paschi di Diena – branch of Santa Lucia, Naples) is no longer covered by this order, as it is already excuded from the seizure -*
> *-confirms the discontinuance of the claim against Esperia Trust Company, trustee of the Gilupami Trust, as an extrajudicial settlement has been reached, as declared by the Receivers-*
> *- revokes the preventive seizure order granted on an ex parte basis on 25.9.2013 (Judge Di Lorenzo), as maintained in the order made by the President of the Court on 24.2.2014 (Judge Diana) which declared a lack of jurisdiction in favour of the Companies Court of Naples, and therefore orders the immediate return to the entitled persons of all the assets seized in execution of the aforementioned preventive order-*

> - ***upholds the remainder of the ex parte order made on 25.9.2013 and in particular confirms the judicial sezure as granted therein-***
> ***-sets a period of 60 days from the date of service for the commencement of the trial proceedings.*.**
>
> "*5.* ***The decision confirmed by the Bench is definitive and enforceable in the Member State of origin (Articles 38 and 59 of the Regulation****…*".

Qabel xejn irid jigi carat illi, fil-kuntest tan-Nota tal-Bank of Valletta tal-21 ta' Dicembru, 2016, u d-decizjoni li inghatat mill-Qorti Taljana, jinghad mil-ewwel li dak li qalet dik il-Qorti mhux relevanti ghall-materja in kwistjoni f'din il-kawza. In-nuqqas ta' interess oggettiv tal-imsemmi bank mhux materja li giet imqajjma f'dawn il-proceduri u, f'kull kaz, f'din il-kawza s-socjetà attrici qed titlob dikjarazzjoni ta' ezegwibbilità ta' sentenza estera, u ghall-fini ta' din id-decizjoni huwa irrelevanti jekk l-oggett milqut mid-decizjoni jista' jkun li fi stadju sussegwenti gie nieqes. Din materja, se mai, tolqot l-eventwali esekuzzjoni effettiva tad-decizjoni. Dwar l-effikacja tad-decizjoni, li huwa l-punt principali ta' dan l-appell, dik il-Qorti Taljana ma qalet xejn u hallietha impregjudikata; anzi, ir-rikors relattiv biex id-decizjonijiet meritu ta' dan l-appell jigu dikjarati ineffikaci, gie dikjarat "*inammissibile*".

In tema legali, fil-meritu, tajjeb jinghad illi l-materja in ezami hija regolata bl-Artikolu 825A tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta) li jippreskrivi li meta regolamenti tal-Unjoni Ewropea jipprovdu dwar affarijiet regolati taht dak it-Titolu, b'mod li jkun differenti milli hemm f'dak it-Titolu, dawk ir-regolamenti ghandhom

jipprevalu, u d-disposizzjonijiet fl-imsemmi Titolu ghandhom biss japplikaw meta ma jkunux inkonsistenti mad-disposizzjonijiet ta' dawk ir-regolamenti jew f'affarijiet li ma jaqghux fl-ambitu ta' dawk ir-regolamenti.

Barra minn hekk, il-Legislazzjoni Sussidjarja 12.09 fir-regolament 17 tipprovdi illi, b'zieda mad-disposizzjonijiet tal-Artikolu 825A tal-Kodici hawn fuq imsemmi, id-disposizzjonijiet tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 44/2001 tat-22 ta' Dicembru 2000, dwar gurisdizzjoni u rikonoxximent u ezekuzzjoni ta' sentenzi f'materji civili u kummercjali ghandhom ikomplu jghoddu fil-kwistjonijiet li jaqghu fl-ambitu ta' dak ir-Regolament kif pubblikat fil-Gurnal Ufficjali tal-Kommunitajiet Ewropej tas-16 ta' Jannar, 2001.

Ghalhekk Qorti Maltija mitluba tezegwixxi sentenza ta' pajjiz stat membru fl-Unjoni Ewropea trid issegwi r-regoli li johorgu mill-istrument legali hawn fuq imsemmi li huwa enforzabbli f'Malta bhala stat membru fl-Unjoni Ewropea.  Dan l-istrument legali, sewwa sew minhabba li huwa Regolament, illum jaghmel parti mis-sistema tal-ligijiet ta' Malta b'effett dirett.

Ikun opportun li f'dan l-istadju jigi trattat punt procedurali li tqajjem fil-konfront tal-appell imressaq minn BSI, li ghalih tressqet sottomissjoni fir-

risposta tal-appellati fis-sens li dan sar *fuori termine* ossia wara l-iskadenza ta' xahar stipulat fl-Artikolu 43(5) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) 44/2001 u ghalhekk l-appellati jikkontendu li din il-Qorti m'ghandhiex tiehu konjizzjoni tal-istess appell. Madankollu, l-imsemmi artikolu jistabilixxi wkoll li dan it-terminu jibda jiddekorri minn notifika tas-sentenza. Kif inghad qabel, l-Artikolu 825A tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili jippreskrivi li meta regolamenti tal-Unjoni Ewropea jipprovdu, dwar affarijiet regolati taht dak it-Titolu, b'mod li jkun differenti milli hemm f'dak it-Titolu, dawk ir-regolamenti ghandhom jipprevalu, u d-disposizzjonijiet fl-imsemmi Titolu ghandhom biss japplikaw meta ma jkunux inkonsistenti mad-disposizzjonijiet ta' dawk ir-regolamenti jew f'affarijiet li ma jaqghux fl-ambitu ta' dawk ir-regolamenti.

Isegwi li f'dan il-kaz, il-Qorti mitluba tezegwixxi sentenza tal-Italja, bhala stat membru fl-Unjoni Ewropea, trid issegwi r-regoli li johorgu mill-istrument legali tar-Regolament tal-Kunsill (KE) 44/2001, li llum jaghmel parti mis-sistema tal-ligijiet ta' Malta b'effett dirett u li jipprevali fuq il-provveddimenti tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta. F'dan il-kaz isegwi li mhuwiex applikabli t-terminu ta' ghoxrin jum imsemmi mill-appellati, kif lanqas ma jghodd l-argument li ladarba d-decizjoni tal-ewwel Qorti nghatat fil-miftuh, ghandha titqies debitatment notifikata lill-appellanti BSI, peress li kif wiehed jista' jara mill-verbal ta' dakinhar li nghatat is-

sentenza, BSI ma kenitx debitament rapprezentata. Mill-process ma jirrizultax li BSI giet notifikata bis-sentenza appellata, kif jitlob l-Artikolu 43(5) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) 44/2001. Fin-nuqqas ta' din il-prova, ma jistax jinghad li l-appell ta' BSI sar *fuori termine.*

Ghandu jinghad mal-ewwel illi in kwantu dawk l-aggravji mressqa fit-tliet appelli huma simili ghal xulxin, ser jigu trattati f'daqqa, sabiex tigi evitata ripetizzjoni inutili.

L-ewwel zewg aggravji tal-BOV, u l-ewwel zewg aggravji ta' FTL jitrattaw l-ilment li l-ewwel decizjoni u t-tieni decizjoni li fuqhom tissejjes l-azzjoni attrici, mhumiex ezegwibbli f'Malta ai termini tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 44/2001. Huma jibbazaw dan l-aggravju taghhom fuq zewg binarji, l-ewwel wiehed jittratta l-fatt li d-decizjonijiet nghataw b'nuqqas ta' dehra tal-appellanti, ossia - *inaudita altera parte.* BOV jiccita decizjoni tal-Qorti tal-Gustizzja Ewropea fil-kawza fl-ismijiet **Denilauler v. Couchet Freres**, tal-21 ta' Mejju, 1980, fejn inghad:

> "*Judicial decisions authorising provisional or protective measures, which are delivered without the party against which they are directed having been summoned to appear and which are intended to be enforced without prior service do not come within the system of recognition and enforcement provided for by Tite III of the Convention of 27 September 1968 on Jurisdiction and the Enforcement of Judgements in Civil and Comercial Matters*".

Dan ifisser li l-kweziti hemm maghmula huma fil-konfront tal-Konvenzjoni tas-27 ta' Settembru 1968 dwar il-Gurisdizzjoni u l-Infurzar

ta' Sentenzi f'Materji Civili u Kummercjali. Il-provveddimenti ta' din il-Konvenzjoni kienu fil-parti l-kbira superati permezz tar-regolament tal-Kunsill (KE) Nru 44/2001, tat-22 ta' Dicembru 2000. Inoltrè, kif inghad qabel, filwaqt li l-appellanti FTI u BSI kienu debitament assistiti quddiem il-Qorti Taljana, l-appellanti BOV, ghalkemm mhux assistita tirrizulta debitament notifikata. Ghalhekk il-bran appena citat u invokat mill-appellant BOV mhux meqjus relevanti.

Is-socjetà appellanti BOV, taht it-tieni aggravju, qeghda tinvoka wkoll l-Artikolu 45 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) 44/2001 fejn jinghad li r-revoka ta' dikjarazzjoni ta' ezekuzzjoni ghandha ssir limitatament ghal dawk il-kazijiet fejn jigu invokati l-Artikoli 34 u 35 tal-istess regolament. Fil-fehma tal-Qorti dan l-ilment huwa intrinsikament marbut mal-ewwel aggravju u ghalhekk ser jigu trattati f'daqqa. Fl-appell taghha BOV tghaddi biex tislet l-bazi tal-aggravju fuq l-Artikolu 34(2) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) 44/2001. Relevanti ghall-kaz in ezami huwa t-test tal-Artikolu 34(2) tal-imsemmi regolament, fejn sentenza m'ghandhiex tigi rikonoxxuta:

> "*2. where it was given in default of appearance, if the defendant was not served with the document which instituted the proceedings or with an equivalent document in sufficient time and in such a way as to enable him to arrange for his defence,* ***unless the defendant failed to commence proceedings to challenge the judgment when it was possible for him to do so****;*". (enfasi mizjud)

L-appellanti BOV u FTL jilmentaw mill-fatt li z-zewg decizjonijet inghataw b'nuqqas ta' dehra li jirrizulta ampjament mill-istess decizjonijiet. Addizzjonalment is-socjetà appellanti BOV tilmenta wkoll li ma tressqet ebda prova li l-Bank intimat kien gie debitament notifikat, fis-sens li l-anness V mar-Regolament (Artikolu 54) jirrikjedi li f'paragrafu 4.4 tigi indikata d-data tan-notifika tad-dokument li fetah il-procedimenti meta d-decizjoni tkun inghatat b'nuqqas ta' dehra, mentri l-anness V esebit f'dan il-kaz, ma jaghtix din l-informazzjoni. Dan l-ilment l-appellati jilqghu ghalih billi ressqu l-prova inkonfutabbli flimkien mar-risposta taghhom li BOV effettivament kienet notifikata bil-proceduri, bhala *trustee* ta' kull wahda mit-tliet trusts taghha.

Inoltrè filwaqt li din il-Qorti tirriskontra dan in-nuqqas fl-anness V mahrug mit-Tribunal Taljan, hekk kif rilevat mill-appellanti, fil-fehma tal-Qorti dan m'ghandu jwassal ghal ebda riperkussjoni ghall-appellati ladarba saret il-prova tan-notifika. Fil-kaz ta' FTI, jirrizulta li dawn kienu debitament rapprezentati quddiem il-Qorti Taljana ta' Revizjoni. L-istess jghodd ghat-tielet aggravju kif imressaq fl-appell ta' BSI li wkoll kienu debitament rapprezentati. Jirrizulta wkoll li l-appell li sar gie milqugh *in parte* in kwantu gie revokat is-*sequestro conservativo,* izda s-*sequestro giudiziario* kien konfermat. Ghalhekk in-nuqqas ravvizat fil-paragrafu 4.4 tal-Annex V ma seta' rrekalhom ebda pregudizzju.

Izda ghandu jinghad ukoll li huwa principju enuncjat mill-Qorti tal-Gustizzja Ewropea li ladarba l-qofol tal-kontestazzjoni huwa dak taht l-Artikolu 34 (2) tal-imsemmi Regolament tal-Kunsill (KE) 44/2001, il-Qrati tal-istat membru fejn qieghed jintalab l-ezekuzzjoni ta' sentenza quddiemhom ghandhom jaghmlu stharrig indipendenti dwar jekk l-intimat li kontra tieghu nghatat is-sentenza, minkejja in-nuqqas tieghu li jidher, kienx debitament notifikat bid-dokumenti li bihom inbdew il-proceduri u jekk in-notifika saritx fi zmien utli li fiha l-intimat seta' jipprepara ghal difiza. (ara sentenza tal-Qorti Ewropea fl-ismijiet **Trade Agency Ltd v. Seramico Investments Ltd** (C619/10) deciza fis-6 ta' Dicembru 2012).

Fil-fatt dan il-principju kien ikkostatat minn din il-Qorti fis-sentenzi fil-kawzi fl-ismijiet **Opatecka v. Ciantar** deciza fis-27 ta' Jannar, 2006 u **GIE Pari Mutuel Urbain (PMU) v. Bell Med Ltd et** deciza fit-28 ta' Settembru, 2007, u aktar ricentament, minn din l-istess Qorti fis-sentenza taghha tal-15 ta' Dicembru, 2015, fl-ismijiet **Dr Josette Sultana nomine v. Maray and Grant Limited et**, fejn inghad ukoll li:

> "*Mhix il-funzjoni tal-Qorti lokali li terga' tiftah il-mertu tal-kwistjoni deciza bis-sentenza ta' Qorti ta' Stat Membru iehor (ara sentenza tal-Qorti Ewropea fl-ismijiet Prism Investment BV v. Jaap Anne van der Meer C-139/10 deciza 13 ta' Ottubru 2011) sakemm mhux ghal xi wahda mir-ragunijiet cirkoskritti taht l-Artikoli 34 u 35 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Numru 44 tas-sena 2001*".

Il-bazi sabiex tigi rifjutata t-talba ta' rikonoxximent u ezekuzzjoni ta' sentenza fuq id-difiza ta' nuqqas ta' notifika kif stipulat fl-Artikolu 34(2) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) 44/2001 huwa suggett ghal tliet kondizzjonijiet kumulativi:

(i) Li s-sentenza nghatat meta l-intimat naqas li jidher;

(ii) Li l-intimat ma kienx notifikat bl-atti li bihom inbdew il-proceduri kontrih fi zmien utli b'tali mod li seta' jipprepara d-difiza tieghu;

**u**

(iii) Li l-intimat ma jkunx naqas milli jibda proceduri sabiex jikkontesta dik is-sentenza li nghatat fl-Istat Membru kkoncernat meta dan kien possibli.

Jekk tonqos wahda minn dawn l-elementi, il-Qorti tal-Istat Membru li fih ikun qieghed jintalab ir-rikonoxximent u ezekuzzjoni tal-imsemmija sentenza m'ghandhiex triq ohra ghajr li taghti dak ir-rikonoxximent mitlub. Il-Bank appellant ma ressaq ebda prova jew argument sabiex isostni r-raguni li baqa' ma deherx quddiem it-Tribunal Taljan jew li ma nghatax ic-cans li jiddefendi ruhu. Inoltrè fil-kuntest tal-kaz in ezami, anke jekk ghall-grazzja tal-argument l-appellanti BOV isehhilha li tipprova l-ewwel zewg elementi, ma wriet ebda raguni l-ghala hija naqqset milli tikkontesta jew tappella mid-decizjonijiet moghtija mit-*Tribunale di Torre Annunziata,* meta hija giet notifikata bil-proceduri odjerni, f'liema kaz skont l-Artikolu 37 tal-istess Regolament tal-Kunsill

(KE) 44/2001, il-Qorti ta' Malta setghet tieqaf milli tkompli tisma' l-proceduri odjerni sakemm jispiccaw dawk il-proceduri.

F'dan il-kuntest, il-Qorti tal-Gustizzja Ewropea addottat interpretazzjoni li tmur lil hinn mid-diversi kuncetti u fl-istess hin tipprova tarmonizzahom. Fil-proceduri fil-kors tal-kawza **Apostolides v. Orams** (C-420/07) deciza fit-28 ta' April, 2009, il-Qorti rriteniet:

> "*Article 34(2) of Regulation No. 44/2001, unlike Article 27 (2) of the Convention, does not necessarily require the document which instituted the proceedings to be duly served, but does require that the rights of the defence are effectively respected...Under Articles 34 (2) and 45 (1) of Regulation No 44/2001, the recognition or enforcement of a default judgement must be refused, if there is an appeal, if the defendant was not served with the document to enable him to arrange for his defence, unless the defendant failed to commence proceedings to challenge that judgement before the courts of the Member State of origin when it was possible for him to do so.*
>
> "***It is clear from the wording of those provisions that a default judgement given on the basis of a document instituting proceedings which was not served on the defendant in sufficient time and in such a way as to enable him to arrange for his defence must be recognised if he did not take the initiative to appeal against that judgement when it was possible for him to do so.***". ***(*****enfasi mizjud minn din il-Qorti*****)***

Mill-atti ma jirrizultax li l-appellanti BOV hadet xi passi effettivi biex tikkontrasta d-decizjonijiet tal-Qorti Taljana. Kif anzi intwera, il-pass li ha, sfuma fix-xejn.

Fit-tieni punt imqajjem taht l-istess aggravji kemm tal-BOV, kif ukoll ta' FTL, jinghad ukoll li a tenur tal-Artikolu 38(1) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) 44/2001, sabiex sentenza tkun ezegwibbli fi stat membru, trid tkun

ezegwibbli fl-istat membru fejn inghatat. Huma jargumentaw li s-*sequestro giudiziario* li gie ordnat fl-ewwel sentenza u kkonfermat fit-tieni sentenza, ghandu qabel xejn ikun ezegwibbli fl-Italja fejn inhareg, biex jigi ezegwit f'Malta. FTL jissottomettu wkoll li n-natura ta' *sequestro giudiziario* hija kawtelatorja, kif konfermat permezz tal-opinjoni legali tal-Prof. Avv. Elena Marinucci. Din tal-ahhar tinvoka l-Artikolu 675 tal-Kodici tal-Procedura Taljana u tghid li ga ladarba ghaddew aktar minn tletin gurnata minn meta nghataw dawn is-sentenzi li fuqhom jistriehu l-appellati, ma jistghux jigu enforzati f'Malta, peress li tilfu l-effikacja taghhom u lanqas m'ghadhom enforzabbli fl-Italja.

Din il-Qorti ma tistax taqbel mal-argument imressaq mill-appellanti, peress li kif inghad qabel, l-istharrig li tista' taghmel din il-Qorti dwar l-ezegwibbilità tad-decizjoni ta' Tribunal esteru huwa dak ibbazat fuq l-Artikolu 45 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) 44/2001, li jillimita c-cahda jew revoka ta' dikjarazzjoni ta' enforzabilità ghac-cirkostanzi prospettati taht l-Artikoli 34 u 35 tal-istess regolament. Din il-Qorti m'ghandhiex tidhol fl-ezami tal-provvedimenti tal-ligi procedurali Taljana, specjalment meta wiehed iqis id-dikjarazzjoni maghmula mill-Qorti Taljana, permezz tac-certifikat mahrug skont l-Anness V taht l-Artikolu 54 tar-regolament, fejn id-decizjonijiet tal-Qorti Taljana kienu dikjarati **<u>definitivi u ezegwibbli</u>** fl-Italja. Dan f'ghajnejn din il-Qorti jfisser li hija obbligata tirrikonoxxi dawk id-decizjonijiet minghajr ebda formalitajiet ulterjuri,

anke peress li l-Artikolu 45(2) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) 44/2001 jipprovdi wkoll li din il-Qorti hija prekluza milli tirrevedi s-sentenza barranija fuq is-sustanza taghha.

Dan japplika wkoll ghat-talba maghmula mid-difensur ta' BSI waqt is-seduta tat-3 ta' Mejju, 2016, fejn talab li jithalla jzid aggravju iehor, in kwantu d-decizjonijiet *de quo* mhumiex enforzabbli a tenur tal-Artikolu 38(1) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) 44/2001. Jigi ribadit li l-istharrig li tista' taghmel din il-Qorti dwar l-ezegwibbilità tad-decizjoni ta' Tribunal esteru huwa dak ibbazat fuq l-Artikolu 45 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) 44/2001, li jillimita c-cahda jew revoka ta' dikjarazzjoni ta' enforzabbilità ghac-cirkostanzi prospettati taht l-Artikoli 34 u 35 tal-istess regolament.

L-istess principji japplikaw ukoll ghat-talba tal-appellanti BOV u FTL ghall-produzzjoni ta' xhieda esperta dwar l-effikacja u l-validità ta' *sequestro giudiziario* taht id-dritt Taljan. Dawn ukoll imorru kontra l-ispirtu tal-principju tal-moviment u cirkolazzjoni hielsa ta' sentenzi f'materji civili u kummercjali bejn l-istati membri tal-Unjoni Ewropea, kif sancit permezz tar-Regolament tal-Kunsill (KE) 44/2001, li jillimita l-poter ta' din il-Qorti li tissindika d-decizjoni tal-Qrati barranin ghal dak provdut fl-Artikolu 45, cioè fuq il-bazi specifikat taht l-Artikoli 34 u 35 tal-istess regolament. Din il-Qorti m'ghandhiex tidhol fl-ezami tal-

provvedimenti tal-ligi procedurali Taljana, specjalment meta wiehed iqis id-dikjarazzjoni maghmula mill-Qorti Taljana, permezz tac-certifikat mahrug skont l-Anness V taht l-Artikolu 54 tar-regolament, fejn id-decizjonijiet tal-Qorti Taljana kienu dikjarati **definitivi u ezegwibbli** fl-Italja. B'rispett li ghall-fiducja li ghandu jinghata ghad-decizjonijiet tal-istati membri tal-Unjoni Ewropea, din il-Qorti tirribdadixxi li, teknikament, m'ghandhiex tmur oltre dak li gie certifikat mill-Qorti Taljana f'dan il-kaz.

F'kull kaz, relevanti f'dan il-kuntest huma s-sottomissjonijiet tal-appellati li jitrattaw ukoll dan l-ilment fil-kuntest ta' *ordinanza* mahruga mill-Qorti ta' Bari fit-8 ta' Novembru, 2010, relattiva ghar-relazzjoni bejn it-terminu ta' tletin gurnata stipulati fl-Artikolu 675 tal-Kodici ta' Procedura Taljana u r-Regolament tal-Kunsill (KE) 44/2001 KE fejn fost affarijiet ohra jinghad:

> "*Nel caso in cui il sequestro conservativo debba essere attuato in un altro Stato membro, in base al regolamento 22 dicembre 2000 n. 44/2001/Ce, il-termine di efficacia del provvedimento inizia a decorrere soltanto dal momento in cui l'esecuzione del sequestro è giuridicamente possibile ossia dal momento in cui interviene la dichiarazione di esecutività dell'autorità del paese nel quale il beneficiario della decisione intende darvi esecuzione*".

Dan ukoll fil-fehma tal-Qorti ddghajjef il-posizzjoni sostnuta mill-appellanti. It-tezi tal-appellanti ma ssib ebda sostenn lanqas meta jitqies ukoll il-fatt li d-decizjoni tal-ewwel *Tribunale di Torre Annunziata*, kif konfermata bit-tieni decizjoni, suggett tal-kaz in ezami, effettivament

giet rikonoxxuta mill-Qrati ta' Lussemburgu meta permezz tas-sentenza taghha tal- 25 ta' Frar, 2015, inghad:

> "*Dire et ordonner que le jugement numero 2251.2013 RG rendu en date du 25 septembre 2013 par le Juge designe Fabio Di Lorenzo du Tribunal de Toree Annunziata (Naples), confirme definitivement par la decision d'appel du Tribunal de Toree Annunziata en date du 26.11 3.12.2014, sera executoire purement et simplement au Grad-Duche de Luxembourg, comme s'il emanait d'un tribunal luxembourgeois.*
>
> "*Dire et ordonner qu'il sera proceed a son execution partout ou il sera requis*".

Fil-fehma ta' din il-Qorti, dan il-fatt li sar rikonoxximent tad-decizjonijiet tat-*Tribunale di Torre Annunziata*, tkompli ssahhah il-posizzjoni tal-appellati.

Argument iehor imressaq mill-appellant BOV, li huwa rifless ukoll fil-hames aggravju ta' BSI, huwa dak li l-mod li kellhom jipprocedu r-rikorrenti appellati kien li jitolbu l-hrug mill-Qrati Maltin ta' mandati kawtelatorji skont il-ligi u mhux bil-proceduri odjerni. Izda hawn ukoll il-Qorti taqbel ma' dak li jinghad mill-appellati, fis-sens li apparti li taht l-ordni legali Maltija mandati kawtelatorji jinhargu biss fuq bazi *prima facie*, l-accertament taghhom jiddependi fuq l-intavolar tal-proceduri gudizzjarji opportuni sabiex eventwalment jigi ottenut titolu ezekuttiv. Jekk ma jsirx il-procediment gudizzjarju jispicca l-effett tal-mandat kawtelatorju. Inoltrè ma jidhirx kkontestat li l-Qrati Taljani ghandhom il-gurisdizzjoni mehtiega li jisimghu u jiddeciedu l-kaz fil-mertu, li jwassal ghall-konkluzjoni li ma jaghmilx sens li jinhargu mandati kawtelatorji

f'Malta, ladarba l-pretensjonijiet qeghdin jigu trattati l-Italja. Li kieku kellhom jigu avvanzati pretensjonijiet permezz ta' proceduri gudizzjarji quddiem il-Qrati Maltin, indubbjamenet iwassal ghal kwistjonijiet ta' *lis alibi pendens* li jaghmlu l-argument tal-appellanti pjuttost wiehed fallaci.

Ghalhekk ma jirrizultax li l-ewwel zewg aggravji tal-appellanti BOV u FTL, kif ukoll it-tielet u l-hames aggravji ta' BSI, jimmeritaw li jintlaqghu.

It-tielet aggravju tal-appellanti BOV u FTL, u tieni aggravju ta' BSI, jitrattaw ic-certifikat mahrug ai termini tal-Artikolu 54 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) 44/2001 u jinghad li fil-paragrafi 4.1 u 4.2 jirreferu ghad-decizjoni 1352/2014 bid-data 3.12.2014, izda mit-test tat-Tieni Decizjoni, din hija datata 26 ta' Novembru, 2014, filwaqt li l-paragrafu 4.4 jirreferi ghal decizjoni 954/2013, izda l-ebda wahda mid-decizjonijiet m'ghandhom din ir-referenza. L-appellanti jargumentaw li dawn l-izbalji materjali fl-unika formalità mehtiega flimkien mal-kopja tad-decizjoni, sabiex decizjoni barranija tigi reza ezegwibbli, ma ppermettilhomx jaghrfu liema decizjoni kienet qeghda ssir referenza ghaliha fic-certifikat u li jaghmlu l-verifiki mehtiega. Is-socjetà appellanti FTL targumenta wkoll li dawn in-nuqqasijiet ghandhom iwasslu ghall-invalidità tal-procedura ta' rikonoxximent u ezekuzzjoni *de quo.*

Fil-fehma tal-Qorti lanqas dan l-aggravju ma jimmerita l-akkoljiment tieghu, mhux biss peress li ma jinkwadrax ruhu f'dak li jiddisponi l-Artikolu 45(1) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) 44/2001 KE kif inghad qabel, izda sahansitra b'referenza ghac-certifikat, mehtieg taht l-Artikolu 53, jinghad ukoll li persuna li tapplika ghal dikjarazzjoni ta' enforzabbilità ghandha tipproduci c-certifikat imsemmi taht l-Artikolu 54 u dan minghajr pregudizzju ghal dak li hemm provdut taht l-Artikolu 55. Filfatt l-artikolu 55(1) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) 44/2001 jipprovdi:

> "*If the certificate referred to in article 54 is not produced, the court or competent authority may specify a time for its production or accept an equivalent document, or,* ***if it considers that it has sufficient information before it, dispense with its production***".

Dan ifisser li l-Qorti ghandha diskrezzjoni li fin-nuqqas ta' prezentazzjoni ta' certifikat, hija ghandha tivvaluta l-informazzjoni mressqa quddiemha sabiex tara jekk hijiex bizzejjed li tista' tiddispensa mill-htiega tal-produzzjoni tal-imsemmi certifikat. Dan fil-fehma tal-Qorti jxejjen l-argument ta' FTL li n-nuqqasijiet ghandhom iwasslu ghall-invalidità tal-procedura ta' rikonoxximent u ezekuzzjoni *de quo,* ladarba l-istess Qorti tista' tiddispensa mill-htiega tal-produzzjoni tal-istess certifikat. Jinghad ukoll li minn ezami tac-certifikat li gie pprezentat mill-appellati, flimkien mad-decizjonijiet tat-Tribunal Taljan, wiehed jinnota li l-parti dispozittiva tad-decizjoni hija riprodotta fl-istess certifikat, li ma jhalli ebda dubju dwar liema decizjonijiet inhareg l-istess certifikat.

Permezz tar-raba' aggravju rispettiv taghhom, l-appellanti BOV u BSI, jilmentaw ukoll dwar il-fatt li r-rikorrenti talbu u ottjenew l-ezekuzzjoni tal-ewwel decizjoni, kif ukoll tat-tieni decizjoni, peress li t-tieni decizjoni mmodifikat l-ewwel wahda in kwantu rrevokat is-*sequestro conservativo,* izda kkonfermat s-*sequestro giudiziario*. L-appellanti BOV u BSI jsostnu li jekk tigi ezegwita l-ewwel decizjoni flimkien mat-tieni wahda, dan ser iwassal li s-*sequestro conservativo,* ser ikollu jigu inforzat ukoll meta dan mhux ir-rizultat ravvizat permezz tat-tieni decizjoni, ghalhekk l-appellanti BOV tikkontendi li kellha tintalab biss l-ezekuzzjoni tat-Tieni Decizjoni.

Filwaqt li jigi ribadit li dan l-aggravju ma jaqax fil-parametri mahsuba taht l-Artikolu 45 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) 44/2001 kif inghad qabel, jinghad ukoll illi, biex tinftiehem it-tieni decizjoni, bilfors li wiehed irid jara l-ewwel wahda. Inoltrè t-tieni decizjoni kienet cara u ma thalli ebda dubju, fis-sens li filwaqt li rrevokat is-*sequestro conservativo*, ikkonfermat is *sequestro giudiziario* li kien mahsub taht l-ewwel decizjoni. Ma jirrizultax lanqas li l-appellati qeghdin jitolbu aktar minn dak definit permezz tad-decizjonijiet tat-Tribunal Taljan.

Isegwi li lanqas dan l-aggravju ma jimmerita li jintlaqa'.

L-ahhar aggravju tal-appellanti kollha jitratta l-kap tal-ispejjez tal-proceduri odjerni, fejn jikkontendu li m'ghandhomx ibaghtu l-ispejjez, ladarba l-proceduri odjerni ttiehdu fuq l-inizjattiva tal-appellati. L-appellati gustament jirrilevaw li l-Artikolu 43(3) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) 44/2001 jipprovdi li l-appell ghandu jkun trattat skont il-proceduri li jirregolaw materji kontradittorji. Dan fil-procedura taghna jsarraf filfatt li f'kull sentenza definittiva, il-Qorti ghandha tikkundanna lit-tellief ghall-ispejjez (Artikolu 223 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta). Huwa biss meta kull parti tkun meqjusa bhala telliefa, jew meta jkun hemm xi punt difficli li jigi ddeterminat li ghandu jkun hemm varjazzjoni minn dan il-principju. Fil-proceduri odjerni, din il-Qorti tara li l-ewwel Qorti kienet korretta meta kkundannat lill-appellanti bhala t-telliefa, li ghandhom jaghmlu tajjeb ghall-ispejjez.

Lanqas dan l-ahhar aggravju ma jisthoqqlu li jintlaqa'.

Jonqos li jigi trattat l-ewwel aggravju ta' BSI li huwa fis-sens li l-ewwel sentenza tat-*Tribunale di Torre Annunziata* giet irrevokata permezz ta' sentenza ohra tal-24 ta' Frar, 2014, (esebita minnha) a bazi tal-inkompetenza tal-istess *Tribunale di Torre Annunziata* fuq il-materja in kwistjoni. BSI targumenta illi hija, flimkien ma' ohrajn, eccepiet l-inkompetenza tat-*Tribunale di Torre Annunziata* fil-materja in kwistjoni u l-istess Tribunal qabel illi kellu jkun it-Tribunal ta' Napli – "*sezione specializzata delle imprese"* li ghandu l-kompetenza f'materji bhal dawn.

Għalhekk jikkontendu li l-applikazzjoni tar-rikorrenti appellati li qegħdin jitolbu r-rikonoxximent u l-inforzar tal-ewwel sentenza, li filfatt giet dikjarata bla effett, ma tistax tirnexxi.

L-argument tal-appellanti BSI huwa skorrett ghall-ahhar, meta wiehed jara t-tieni decizjoni li ggib referenza RG 1352/14 li nghatat fis-26 ta' Novembru, 2014, li kif rajna filwaqt li rrevokat is-*sequestro conservativo,* ikkonfermat s-*sequestro giudiziario.* Dan ifisser li s-sentenza tal-24 ta' Frar, 2014, citata mill-BSI, ma hassritx fis-shih id-decizjoni tal-25 ta' Settembru, 2013. Huwa ritenut li s-sentenza tal-24 ta' Frar, 2014, invokata minn BSI kellha effett biss fil-kuntest tar-*revoca conservativo,* kif defінta permezz tas-sentenza tas-26 ta' Novembru, 2014. Ghalhekk isegwi li meta l-appellati qeghdin jitolbu li jinghata rikonoxximent u li jigi inforzat is-*sequestro giudiziario* mhux dak *conservativo,* qeghdin josservaw id-dispost tas-sentenza tas-26 ta' Novembru, 2014, tat-*Tribunale di Torre Annunziata*.

Isegwi li dan l-aggravju wkoll ma jimmeritax li jintlaqa'.

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet premessi, tiddisponi mill-appelli interposti mill-konvenuti BOV, FTL u BSI billi tichadhom ilkoll, filwaqt li tirrikonoxxi s-sentenza tat-*Tribunale di Torre Annunziata* moghtija nhar il-25 ta' Settembru, 2013, hekk kif varjata permezz tas-sentenza tal-istess Tribunal ta' nhar is-26 ta' Novembru, 2014, u tiddikjara l-istess sentenza

enforzabbli u ezegwibbli kontra s-socjetajiet konvenuti Bank of Valletta plc, fil-kwalità tieghu ta' *trustee* tal-"Giano Trust", "Capital Trust" u "Gilda Trust", Fiducia Trustees Limited, fil-kwalità taghha ta' *trustee* tal-"Marco Polo Trust", u BSI Trust Corporation (Malta) Limited, fil-kwalità taghha ta' *trustee* ta' "Bigei Trust" u ta' "Fusons Trust".

L-ispejjez kollha ta' din il-kawza ghandhom jithallsu mis-socjetajiet konvenuti.

| | | |
|---|---|---|
| Silvio Camilleri<br>Prim Imhallef | Tonio Mallia<br>Imhallef | Joseph Azzopardi<br>Imhallef |

Deputat Registratur
mb/df